MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2006

Rikors Numru. 62/2005/1

Rikors Nru: 62/2005

Alfred Xerxen (99334(M)

vs

Jack Zerafa

Il-Bord,

Ra r-rikors tar-rikorrenti pprezentat fil-15 ta’ Lulju 2005 fejn espona:

Illi r-rikorrent ilu ghal dawn l-ahhar hamsa u ghoxrin sena u aktar jikri minghand l-intimat, il-fond u cioe’ garaxx li jesa’ vettura zghira wahda, li jgib l-indirizz St Joseph, Triq il-Qawsalla, Santa Venera versu l-kera ta’ hamsa u ghorxin Liri Maltin (Lm25) pagabbli kull sitt xhur bil-quddiem;

Illi r-rikorrent gie notifikat b'ittra ufficjali datata 5 ta' Lulju 2005, kopja annessa u markata dokument AX1, li permezz taghha l-intimat formalment gharraf lir-rikorrent illi mill-iskadenza li jmiss il-kera li ghandha tithallas fuq dan il-fond kellha tizdied ghal mitt lira Maltin (Lm100) pagabbli kull sitt xhur bil-quddiem u dan ai termini ta' l-artikolu 14 tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi r-rikorrenti ai termini ta' l-istess artikolu 14, sub-artikolu (2) tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta qed jissottemetti dan ir-rikors sabiex jopponi ghal din iz-zieda fil-kera stante li l-istess zieda mhiex gustifikata la fattwalment u lanqas legalment kif ser jigi ppruvat lil dan il-Bord, izda hija biss tentattiv iehor fost hafna ohrajn da parti ta' l-intimat sabiex jaqla lir-rikorrent mill-fond in kwistjoni li huwa l-uniku mezz ta' ghixien ta' l-istess rikorrent.

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob umilment li dan l-Onorabbli Bord jappunta dan il-rikors ghas-smiegh u wara li jisma l-provi opportuni jichad it-talba ta' l-intimat sabiex tizdied il-kera tal-fond St Joseph, Triq il-Qawsalla, Santa Venera u dan billi jikkonferma li l-kera dovuta lill-istess intimat ghandha tibqa' dik ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) pagabbli kull sitt xhur bil-quddiem, u dan kull provvediment li dan il-Bord jidhirlu xieraq fic-cirkostanzi.
Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat.

Ra r-risposta pprezentata mill-intimat fl-14 ta' Ottubru, 2005 fejn espona illi:

1. Fl-ewwel lok, ir-rikors promotur huwa zbaljat peress li l-kera prezenti tal-fond St Joseph, Triq il-Qawsalla, ossija Triq iz-Zonqor, Santa Venera ma hix ta' Lm25 pagabbli kull sitt xhur bil-quddiem, izda ta' Lm50 fis-sena pagabbli kull sitt xhur bil-quddiem.

2. Din il-kera certament ma hix wahda xierqa tenut kont tal-kobor tal-fond u kif ukoll tal-lokalita' fejn jinsab. Il-fond *de quo* qed jintuza sabiex titqieghed fih il-vettura li r-rikorrenti juza biex ighallem is-sewqan, u fil-fatt ir-rikorrenti jhallas, kull sena, iktar ghall-hrug tal-licenzji

sabiex jiggestixxi skola tas-sewqan milli jhallas kera lill-esponenti.

3. Minn mindu l-fond gie mikri lir-rikorrenti, il-kera tieghu qatt ma giet awmentata minkejja li l–fond ilu mikri ‘l fuq minn ghoxrin sena.

Ghalhekk, l-esponenti jitlob bir-rispett illi dan il-Bord joghgbu jiffissa l-kera hekk awmentata li tirrifletti l-valur lokatizju ta’ dan il-fond.

Bl-ispejjez.

Ra d-digriet tieghu tad-9 ta’ Novembru 2005 li bih gew mahtura periti teknici l-AIC Frederick Valentino u l-AIC John Sciberras.

Ra li fis-seduta ta’ llum id-difensuri tal-partijiet irrimettew ruhhom ghar-rapport tal-periti teknici jigifieri li l-kera tallum ta’ hamsin lira Maltija fis-sena diga’ jaqbez l-erbghin fil-mija tal-kera xieraq li bih l-istess fond kien mikri jew li seta’ jinkera qabel l-4 t’Awissu 1914 a tenur ta’ l-artikolu 4(b) tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta’ Malta (qabel artikolu 5 (b) tal-Kap 109).

Jilqa’ t-talba tar-rikorrent u jikkonferma li l-kera tal-fond ta’ hamsin lira Maltija fis-sena pagabbli kull sitt (6) xhur bil-quddiem diga’ taqbez l-erbghin fil-mija tal-kera xieraq li bih l-istess fond kien mikri jew seta’ kien mikri qabel l-ewwel ta’ Awissu 1914 a tenur ta’ l-artikolu 4(b) tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta’ Malta (qabel artikolu 5(b) tal-Kap 109) u hekk il-kera ghandu jibqa’ kif inhu; r-relazzjoni tal-periti ghandha taghmel parti shiha minn din is-sentenza. Spejjez bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------